# Qorti Civili
# (Sezzjoni tal-Familja)

## Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

## Illum 10 ta' Dicembru 2015

**- DRITT TA'ABITAZZJONI TAD-DAR MATRIMONJALI WARA S-SEPARAZZJONI -**

**- APPLIKAZZJONI TAL-ART. 48 KAP. 16 KONTRA L-ATTRICI GHALKEMM MA SARITX KONTRO-TALBA -**

**- ART. 45 U ART. 55A (1) (A) TAL-KAP. 16 -**

Rikors Guramentat Nru. 22 / 13RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B C**
**vs**
**D C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici fl-1 ta' Frar 2013 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-partijiet izzewgu fl-ghoxrin (20) ta' Marzu, tas-sena elf disa rnija, tnejn u sebghin (1972), u minn dan iz-zwieg twieldu tlett (3) ulied, llum rnaggorenni;

2. Illi dan iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabilment, tort ta' l-intimat, u dan minhabba mohqrija, theddid u offizi gravi kommessi minnu fil-konfront taghha;

3. Illi minhabba dan l-agir, ir-rikorrenti kellha tivvaka d-dar rnatrirnonjali u fil-fatt il-partijiet ilhom separati de facto sa mis-sena elf disgha mija tnejn u tmenin (1982);

4. Illi l-partijiet gew debitament awtorizzati illi jipprezentaw din l-istanza perrnezz ta' Digriet moghti minn din l-istess Onorabbli Qorti;

5. Illi l-esponenti taf personalment b'dawn il-fatti hawn esposti;

Jghid ghalhekk l-intimat, ghaliex din l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunjiet premessi, ma ghandhiex:

1. Tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan unikament minhabba tortijiet u htija attribwibbli lill-intimat;

2. TikkundK lill-intimat ihallas lir-rikorrenti manteniment ghaliha, inkluz l-arretrati minn meta hija kienet kostretta li tivvaka d-dar matrimonjali;

3. Tawtorizza lill-attrici r-rikorrenti tghix separatament minn ma' zewghha 1-intimat;

4. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwidaha u tiddivdiha b'mod li tapplika kontra l-intimat d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta), billi okkorrendo ghall-finijiet ta' din it-talba jigi nominat Perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni; filwaqt illi tinnomina wkoll Nutar sabiex jippublika l-att relattiv u Kuratur sabiex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. Tawtorizza lir-rikorrenti tirregistra is-Sentenza eventwali moghtija minn din 1-Onorabbli Qorti, fir-Registru Pubbliku;

Bl-ispejjez komprizi dawk inkorsi fil-proceduri quddiem il-medjatur, kontra l-konvenut intimat li minn issa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi b'riferenza ghall-ewwel talba tar-rikorrent, filwaqt li l-eccipjent jaqbel li ghandha tkun ippronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-konjugi C stante li z-zwieg tkisser irrimedjabilment, tali tkissir sehh mhux ghal xi raguni imputabbli lilu kif allegat mir-rikorrenti izda ghal ragunijiet li ghalihom tahti unikament l-istess rikorrenti minhabba infedelta’, abbandun, mohqrija, theddid, sevizzi, u offizi ohra kommessi minnha fil-konfront tal-eccipjent.

2. Illi r-rikorrenti kellha u ghad ghandha relazzjonijiet extra-konjugali ma' diversi rgiel ohra u sahansitra kellha wlied ohra minnhom, u wara li abbandunat darba ghal dejjem l-istess dar matrimonjali xi tletin (30) sena ilu, halliet lill-eccipjent wahdu jerfa' r-responsabbilita' tal-kura u l-kustodja ta' wliedu meta dawn kienu ghadhom minuri, bla ma r-rikorrenti uriet ebda interess fl-istess uliedhom u ghamlet hekk sabiex taghzel li tkompli relazzjonijiet extra-maritali ma' rgiel ohra, kif ser ikun ippruvat waqt il-kawza.

3. Illi l-eccipjent ma jaqbilx li hu ghandu jhallas xi manteniment lir-rikorrenti, peress li hu jghix fuq pensjoni, ma jistax jahdem u regolarment jiehu medicini bl-ghajnuna tas-Sigurta Socjali, r-rikorrenti hi izghar minnu u gieli kellha dhul ghaliha ghax hadmet bi qliegh, u fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, minhabba l-htija tar-rikorrenti kif fuq eccepit, l-istess martu rikorrenti skont il-ligi ddekadiet minn kwalsiasi pretensjoni ghall-hlas ta' mantenment li seta' kellha.

4. Illi filwaqt li l-eccipjent ghandu jibqa' jghix mifrud mir-rikorrenti, ghar-ragunijiet fuq eccepiti, issa fuq bazi de jure, din l-Onorabbli Qorti ghandha bir-rispett tiddikjara xjolta 1-komunjoni tal-akkwisti u tapplika fil-konfront tal-istess martu rikorrenti, s-sanzjonijiet imsemmija fid-disposizzjonijet tal-artikli 48 u 51 sa 55 tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta) u okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, u ghall-finijiet ta' din it-talba tinnomina wkoll Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-att relattiv, kif ukoll tahtar kuratur sabiex jirrapprezenta lir-rikorrenti fil-kaz li din tibqa' kontumaci fuq l-istess att;

5. Illi l-eccipjent jaqbel illi s-sentenza eventwali ta' din l-Onorabbli Qorti ghandha tkun irregistrat fir-Registru Pubbliku;

6. Illi in vista tal-eccezzjonljiet fuq imsemmija, din l-Onorabbli Qorti ghandha bir-rispett tikkundK lir-rikorrent thallas l-ispejjez kollha tal-kawza u tal-att opportun;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-25 ta’ April 2013 fejn il-Qorti nnominat lill-avukat Dottor Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ix-xhieda tal-attrici u ta’ ohtha K L li xehedu fis-seduta tal-11 ta’ Gunju 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenut ippresentat b’nota tad-29 ta’ Awwissu 2013.

Rat ic-certifikat mediku dwar il-kondizzjoni tal-konvenut, Dok GA1 Fol.55 tal-process;

Rat il-kontroezami tal-attrici u ta' ohtha K L li saru fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat x-xiehda ta' ulied il-partijiet F u E C li xehdu fis-seduta tat-28 ta'Ottubru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju; E C kompla jixhed fis-seduta tas-7 ta' Frar 2014;

Rat x-xhieda ta' G H, bint il-kontendenti li xehdet fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota tal-konvenut tat-8 ta' JKr 2014, li biha pprezenta erba' certifikati tat-twelied tat-tfal li kellha l-attrici minn rgiel ohra, kif ukoll prospett guramentat tal-ispejjez li saru mill-konvenut fid-dar matrimonjali;

Rat ir-rikors tal-konvenut ipprezentat fit-8 ta' JKr 2014, Fol. 107 tal-process, fejn talab li skont l-imsemmi Artikolu 55A jinghata d-dritt li jibqa' joqghod fid-dar taz-zwieg 204 Triq Stefnu Zerafa Marsa ad eskluzjoni ta' martu. B'digriet tal-4 ta' Frar 2014 il-Qorti iddikjarat illi t-talba imressqa fir-rikors kienet ser tigi deciza fis-sentenza u mhux b'digriet interim.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku il-Perit Alan Saliba, Fol. 120 et seq. tal-process li kkonkluda li l-valur tad-dar matrimonjali hu ta' Euro75,000.

Rat il-kontroezami tal-konvenut li sar fis-seduta tat-23 ta' Settembru 2014, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat in-nota ta' osservazzjonilijiet tal-konvenut ippresentata fl-20 ta' Marzu 2015;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti;

Ikkunsidrat

**IL-PROVI.**

**L-attrici A B C** xehdet fis-seduta tal-11 ta' Gunju 2013, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju. Spjegat illi minn qabel ma l-partijiet izzewgu l-konvenut kien diga' vjolenti maghha.Hi kkonfermat li zzewget lill-konvenut fl-20 ta' Marzu 1972. Fil-fatt, jirrizulta, mic-certifikat taz-zwieg, Dok. B Fol. 8 tal-process, u kif indikat fir-rikors promotorju, huma izzewgu fl-20 ta' Marzu 1972 meta hi kellha 17 il-sena u l-konvenut kellu 21 sena. Hi tghid li z-zwieg tkisser minnhabba s-swat u l-vjolenza, kemm qabel ma izzewgu w aktar matul iz-zwieg. Tghid li missierha ma

kellux gost bil-konvenut peress li kien jaf li jsawwatha, "Jiena ma kontx smajt minn missieri u kont mort mieghu. Is-swat kien ikun kwazi ta' kuljum itini daqqiet ta' ponn go ghajnejja, itini bis-sieq."

Ghamlet 10 snin tghix mal-konvenut, fid-dar matrimonjali li nxtrat wara iz-zwieg, u kellhom tlett itfal li illum huma maggiorenni, tnejn minnhom mizzewgin, u wiehed baqa' guvni jghix ma' missieru. Hi ma ghandha l-ebda kuntatt mat-tfal. Billi l-vjolenza kienet kwazi ta' kull jum, f'dawn l-ghaxar snin ghamlet diversi rapporti l-Ghassa tal Hamrun, ("xi erba"), u wara telqet mid-dar, rrikonciljaw tramite membri tal-familja izda wara biss xahrejn telqet ghal kollox.

"Mela dawn l-atti ta' vjolenza meta kont ghadni mieghu kienu jsiru anke quddiem it-tfal meta kienu zghar u kienu jidhlu taht il-mejda bil-biza li kien jaqbadhom. Anke quddiem ohti kien ikun vjolenti……….Meta tlaqt mid-dar minhabba s-swat tar-ragel, jiena mbaghad domt xi sebgha snin gejja u sejra ghand nies ta' gewwa".

Hi ddikjarat li s-swat kien isir quddiem it-tfal u ohtha K L, li dak iz-zmien kienet tghix maghhom. Meta telqet ma hadet xejn mid-dar u marret ghand ommha, u xi drabi ghand ohtha, wara li din izzewget. Telqet mid-dar minnhabba s-swat tar-ragel, li ma taha l-ebda manteniment wara li telqet mid-dar. Ir-ragel kien jahdem bit-taxi, bil-permess fuqu, hi semmiet li t-taxi kien bieghha izda ma tippretendi xejn minnha. Hi tiddikjara : "Jien qed nippretendi biss li d-dar tinbiegh u jiena niehu sehemhi minn din id-dar matrimonjali li ahna xtrajna flimkien waqt iz-zwieg. Jiena l-anqas manteniment ma jien qed nippretendi minghand ir-ragel."
Hi cahdet li kellha relazzjoni ma' xi ragel matul iz-zwieg pero' tammetti li kellha relazzjoni intima ma' ragel iehor bejn sentejn u tlett snin wara li kienet telqet mid-dar minhabba s-swat.

In kontroezami tammetti li tul dawn l-ahhar 30 sena kellha erbat itfal minn irgiel li harget maghhom, meta ma kinitx mar-ragel, li jisimhom, Marvin, Nadesh, Diane u I. Hi stqarret li biex tmantnihom kienet tmur tahsel ghand in-nies u ghinuha ukoll tal-familja. Fil-kontroezami ddikjarat is-segwenti:

"Qed nigi mistoqsija b'kollox kemm kienu irgiel, jiena ma qghadtx noqghod nghodd kemm kien hemm irgiel u qatt ma ktibt fuq id-diary. Dejjem kienu hames irgiel zgur. Kelli t-tfal minn dawn l-irgiel, kollha dawn it-tfal kellhom missier differenti u jiena kont nohrog tqila. Erbgha kienu l-irgiel li saru missierijiet minn ghandi."

**K L, oht l-attrici**, xhedet li meta l-partijiet kienu joqghodu fi G'Mangia gewwa furnished flat hi kienet toqghod maghhom meta kienet ghadha tal-eta' tal-iskola. Issemmi li l-konvenut kien jghajjat hafna mal-attrici u li kien iwerwirhom bl-ghajjat. Tghid li meta l-partijiet marru joqghodu fid-dar li xtraw gewwa Zerafa Street, Marsa, kienet tkun ghandhom spiss u kien hemm okkazzjoni fejn il-

konvenut qabad lil ibnu E, li kien ghadu tarbija, u ghollih kwazi sas-saqaf peress li kien qed jibki. Tispjega illi meta l-konvenut kien jirritorna d-dar wara x-xoghol kien jesigi li taqliblu l-ikel il-hin li jigi u jekk xi haga ma tghogbux "jaqbad u jwaddbilha l-platt bl-ikel b'kollox". Tghid li kienet tara lill-konvenut jerfa' jdejgh fuq l-attrici "kwazi kuljum". Tirrakkonta incident fejn kienu qed jieklu hi, zewgha u z-zewg partijiet, inqala argument u l-konvenut xehet sikkina tal-kcina lejn l-attrici u laqatha go sieqa. Spjegat li kif gara hekk l-attrici telqet 'il barra mid-dar u marret l-Ghassa tal-Pulizija. Irrakkontat incident iehor fejn il-konvenut spicca jghati daqqa ta' ponn lill-attrici f'wiccha. Spjegat illi kif wara ghaxar snin tissapporti l-attrici ddecidiet li ma setghatx tissaporti aktar u telqet mid-dar. F'dak iz-zmien peress li t-tfal kienu ghadhom zghar kienet offriet li tahsillu l-hwejjeg tat-tfal u kienet izzomm it-tfal wara l-iskola sabiex titmaghhom. Tghid li meta t-tfal kienu jibqghu kien jibda jghajjat u jidghi.

**Il-konvenut D C** ipprezenta l-affidavit tieghu b'nota tad-29 ta' Awwissu 2013, Fol. 39 tal-process. L-affidavit jinsab Fol. 40 sa 54 tal-process. Fl-ewwel parti tal-affidavit l-konvenut jirrakkonta kif ltaqa' maghha l-ewwel darba meta kien bit-taxi mal-habib George Scicluna, li l-genituri taghha kienu separati, u li missierha kien bniedem vjolenti. Marru jikkoabitaw fi flat il-Gzira. Kien baghad ghalih l-ispettur Jimmy Abela, id-Depot tal-Pulizija, kien beza' billi kienet ghada taht l-eta' izda weghedu li jiehu hsiebha, u wara biss xaharejn, billi ma riditx tibqa' ma' missierha, izzewgu fl-20 ta' Marzu 1972. Marru jghixu fi flat f'Gwardamangia izda billi l-kera kien gholi wara tlett xhur telqu u marru ghand ommha il-Belt. Ommha kienet barmaid fir-Royce Bar fi Strada Stretta li kien frekwentat minn bahrin Inglizi u Amerikani. Ommha kienet toqghod f'kerrejja, kamra wahda fi Strada San Giuseppe. Kien hemm okkazjonijiet meta ma sabhiex id-dar, u wara isibha fil-bars ta' Strada Stretta meta diga' kellha erba xhur tqala bl-ewwel tarbija taghhom. Hu rrakkonta l-hajja sregolata ta' ommha li kienet prostituta u ta' missierha li kien jibdel lill-martu. Marru joqoghodu ghand missierha il-Marsa, il-konvenut stinka biex jgemmgha u jkun jista' jixtri post. Marru joqoghodu f'post hdejn il-Power Station tal-Marsa, izda' dan kien umdu hafna tant li binthom G bdiet tbghati bl-asthma. Kien jigi lura tard bil-lejl wara x-xoghol u lill-martu ma kienx isibha hemm. Kienet ghamlet hbieb ma' certa Stephania, li kellha reputazzjoni li ddur mal-irgiel, sar jaf li kienet tixtri il-haxixa cKbis minn ghand certu Kamillu fi Pjazza San Pawl il-Hamrun, li miet b'overdose. Hu ddikjara li martu kienet tabbuza mid-droga, tidhol id-dar storduta, u kienet qed tghix hajja distakkata minn zewgha.

Irrnexxhielu jikkonvinci lil Karmenu Zammit li jbejhlu il-post £M2250 flok £M4,000, u t-tifla tal-partijiet mill-ewwel bdiet tirkupra u wara ftit zmien bdiet tghix hajja normali. Wara li faddal xi flus, jghid li kien qabad lill-attrici tisraqlu u £M700 izda rritornat £M400 minnhom. Il-kumplament jissospetta li hallest xi dejn li kellha relatat mal-konsum tad-droga. L-attrici telqet mid-dar konjugali fl-10 ta' Novembru 1981, ghamlet xahar 'il boghod mid-dar matrimonjali u

eventwalment irritornat bl-intervent ta' ohtha. Izda l-attrici regghat abbandunat id-dar matrimonjali fl-10 ta' Marzu 1982. F'din l-ahhar okkazzjoni l-konvenut jghid li l-attrici serqitlu £M1,500 mill-kexxun fejn kien jzomm il-flus. F'dik l-okkazzjoni kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija izda xorta ma gietx lura. Il-konvenut isostni li l-attrici abbandunat sew lilu kif ukoll l-erba' uliedhom minuri. Xhed illi tant binhom iz-zghir, F, kien ghadu zghir meta l-attrici abbandunat id-dar matrimonjali li lanqas biss jaf lil ommu. Il-konvenut jghid li kien johrog bit-tfal fil-Port il-Belt jew il-Marsa u kien jara lill-attrici mal-bahrin. Lit-tfal rabbihom wahdu, kellu ibiegh il-vetturi, zarma mix-xoghol u ddedika ruhu kompletament ghat-trobija tat-tfal billi ma riedx jibghathom f'xi istitut jew jitrabbew ma' haddiehor. Beda jircievi ic-Children's Allowance bhala *single parent* u ha hsiebhom personalment wara t-trawma li soffrew kagun tal-abbandun da parti ta' ommhom. Il-konvenut cahad kategorikament l-allegazzjoni tal-attrici li hu kien vjolenti maghha.

Finalment ikkonferma li ilu hdax il-sena ma jarax, ghamel referenza ghac-certifikati medici, u ghall-fatt li ilu sebgha u tletin sena jghix f'din id-dar, u tant dehra li ghalkemm issofri minn din id-disabilita' gravi, jista jghix f'din id-dar bla assistenza billi jirrnexxilu jaqdi l-htigijiet personali tieghu wahdu. Hu cahad li t-tfal tieghu hadet hsiebhom K L, oht l-attrici.

Xhedu wkoll it-tlett ulied tal-partijiet. **F C** li xhed fit-28 ta' Ottubru 2013 meta gia' kellu sebgha u tletin sena qal li kien proprju f'dik is-seduta li kien qed jara 'l ommu ghall-ewwel darba f'hajtu. Dwar ommu ma jiftakar xejn peress li meta telqet mid-dar kellu biss tlett snin.

Kemm **E C** kif ukoll **G H,** ulied il-kontendenti kkonfermaw li ommhom kienet tiltaqa' mal-irgiel fil-Pjazza il-Hamrun, tmur maghhom fil-karozzi u huma kienu jistennewha sakemm tirritorna, kellha konfidenzi ukoll ma Lippu tal-grocer, u kienet tmur ic-cinema il-Hollywood il-Hamrun mal-irgiel. It-tifla tal-partijiet xehdet li ommha kienet twissiha biex ma tghid xejn lil missierha dwar dak li tkun rat. Lit-tfal l-attrici kienet theddidhom li jekk jghidu xi haga lil missierhom kienet toqtolhom.

**PROVVEDIMENTI TAL-LIGI APPLIKABBLI.**

Issir referenza ghall-artikoli tal-ligi l-aktar rilevanti ghall-kaz in ezami:-

**Artikolu 3 tal-Kap. 16:**

Il-partijiet fiż-żwieġ għandhom l-obbligu, kull waħda minnhom skont il-mezzi u l-ħila tagħhom, li jaħdmu kemm jekk fid-dar kif ukoll barra mid-dar kif jinħtieġu l-

interessi tal-familja, li jmantnu lil xulxin u li jikkontribwixxu għall-ħtiġiet tal-familja

**Artikolu 38 tal-Kap. 16** :

‘ Kull parti mizewga tista’ titlob il-firda minhabba l-adulterju tal-parti l-ohra’.

**Artikolu 40 tal-Kap. 16**:

‘Kull wahda mill-persuni mizewgin flimkien tista’ titlob il-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu, jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment;

**Artikolu 41 tal-Kap. 16**:

‘Kull wahda mill-partijiet mizewga tista’ ukoll titlob il-firda jekk,ghal sentejn jew izjed, tkun abbondonata mill-ohra, minghajr raguni tajba.’

**Artikolu 48 tal-Kap 16**
:
(1) Il-parti, ir-ragel jew il-mara, illi tkun hatja tal-firda ghal wahda mir-ragunijiet msemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef-

(a) il-jeddijiet msemmijin fl-artikoli 631,633, 825,826 u 827[1];

(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-ohra b’donazzjoni bi hsieb taz-zwieg, jew waqt iz-zwieg, jew taht titolu iehor gratuwitu;

(c) kull jedd ta’ parti mizzewga ghan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-qorti bhala d-data meta l-parti ghandha tkun kunsidrata li minnha tkun hatja tal-firda. Ghall-finijiet ta’ dan il-paragrafu biex jigi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-hidma ta’ wahda mill-partijiet fiz-zwieg, ghandhom jitqiesu l-kontributi b’kull mod taz-zewg partijiet skont l-artikolu 3;

(d) il-jedd li iggieghel lill-parti l-ohra,f’kull kas,li taghtija l-manteniment bis-sahha tal-obbligu li jitnissel miz-zwieg.

(2) Il-hwejjeg imsemmijin fis-subartikolu (1)(b) jergghu jmorru ghand il-parti l-ohra, u l-akkwisti imsemmijin fil-paragrfu (c) ta’ dak is-subartikolu jibqghu kollha ghal din il-parti, bla hsara tal-jeddijiet li l-ulied jew terzi persuni ohra jkunu

[1] Artikoli 825, 826 u 827 gew imhassra bl-Att XVIII.2004.86

kisbu fuq dawk l-istess hwejjeg qabel ma is-sentenza tal-firda tkun giet imniizzla fir-Registru Pubbliku.'

**Artikolu 55 tal-Kap.:**

(7) "Il-qorti tista' izda, meta fil-fehema taghha c-cirkostanzi hekk jehtiegu, tordna li l-beni li jkunu parti mill-komunjoni ma jinqasmux qabel ma jghaddi dak iz-zmien wara li tispicca l-komunjoni li tista' fl-ordni tistabbilixxi."

(8) Kull ordni moghti mill-qorti skont is-subartikolu (7), jista'ghal raguni tajba, jinbidel jew ikun revokat mill-qorti.

**Artikolu 55A tal-Kap. 16:**

(1) Meta taghti s-sentenza tal-firda, il-qorti ghandha, fuq talba ta' xi wahda mill-partijiet, tordna skond ic-cirkostanzi:

(a) li xi parti minnhom ghandha toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa;

(b) li d-dar taż-żwieġ għandha tinbiegħ, fejn tkun sodisfatta illi ż-żewġ partijiet u uliedhom ser ikollhom akkomodazzjoni oħra xierqa, u li r-rikavat tal-bejgħ għandu jiġi assenjat lill-partijiet kif il-qorti jidhrilha xieraq; jew

(ċ) fejn id-dar taż-żwieġ tkun tappartjeni liż-żewġ partijiet, li tassenja d-dar taż-żwieġ lil xi parti minnhom, liema parti jkollha tikkumpensa lill-parti l-oħra għat-telf finanzjarju soffert:

Iżda f'kull każ, il-qorti għandha tqis dan li ġej: (a) l-aħjar interess tal-ulied minuri, inkluż l-impatt li jista' jkun hemm fuq l-ulied minuri jekk tilqa' talba magħmula skont dan l-artikolu; (b) il-ġid tal-partijiet u tal-ulied; u (ċ) jekk il-partijiet għandhomx, jew jekk bil-mezzi u l- ħiliet tagħhom jistax ikollhom, post ieħor fejn jgħixu.

(2) Il-qorti tista', fuq talba ta' waħda mill-partijiet, tibdel deċiżjoni meħuda minnha skont l-artikolu (1)(a), fejn ikun hemm tibdil sostanzjali fiċ-ċirkostanzi.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

Iz-zwieg tal-partijiet ilu snin twal li tkisser tant li ilhom tletin sena separati de facto. Ir-raguni ghaliex fi tletin sena hadd mill-partijiet qabel issa ma istitwixxa kawza ta' separazzjoni mhiex cara. Jirrizulta li wara li l-attrici telqet mid-dar matrimonjali aktar minn tletin sena ilu inqata kull kuntatt bejn l-attrici u zewgha inkluz it-tfal li baqghu jitrabbew minn missierhom fid-dar matrimonjali.

**Eccessi, Mohqrija u Offizi Gravi**.

L-attrici tikkontendi l-ghaxar snin ta' zwieg li ghamlet tirrisjedi mal-konvenut kienu karatterizzati minn swat da parti tal-konvenut. Tghid li wara ghaxar snin kellha titlaq mid-dar matrimonjali u thalli waraha lit-tlett uliehda ma' missierhom peress li ma setghatx tissaporti aktar is-swat tieghu. Ix-xhieda tal-attrici dwar l-atti vjolenti da parti tal-konvenut fil-konfront taghha hija korroborata minn dik ta' ohtha K L li xehdet li s-snin li l-partijiet ghamlu jghixu flimkien kienu karatterizzati minn agir vjolenti da parti tal-konvenut fil-konfront ta' l-attrici.

Ghaliex damet tletin sena sabiex fethet il-kawza ta' separazzjoni l-attrici baqghet ma tat l-ebda spjegazzjoni. Tammetti illi f'dawk it-tletin sena ma ghamlet l-ebda tentattiv sabiex tara lit-tlett ulied li kellha minghand il-konvenut. Irrizulta wkoll illi fis-snin sussegwenti ghat-tluq taghha mid-dar matrimonjali kellha diversi relazzjonijiet ma' rgiel differenti tant li kellha numru ta' ulied ohra minn missierijiet differenti.

Il-konvenut jichad li kien ikun vjolenti mal-attrici. Jghid illi l-inkwiet ta' bejn il-partijiet kien rizultat tal-hajja bla razan li riedet tghix l-attrici

Ghalkemm l-attrici xehdet li ghamlet diversi rapporti fl-Ghassa tal-Pulizija dwar atti vjolenti da parti tal-konvenut, hija naqset milli issejjah bhala xhieda lill-Pulizija nonostante li fil-lista tax-xhieda taghha indikat li kien behsiebha tressaq bhala prova ir-rapporti li allegatament kienet ghamlet kontra zewgha.

Apparti li l-konvenut jichad li kien vjolenti mal-attrici, hadd mit-tlett ulied tal-partijiet li xehdu f'din il-kawza ma kkonferma l-verzjoni li tat l-attrici fil-konfront tal-konvenut. Hija biss ohtha li xehdet dwar l-allegazzjoni li l-konvenut kien vjolenti fil-konfront tal-attrici. Fattur iehor li jdghajjef il-verzjoni tal-attrici huwa l-fatt illi hadd mit-tlett ulied tal-partijiet ma sarlu l-kontro ezami u ghalhekk il-kredibilita' taghhom ma giet bl-ebda mod imxejna.

Il-Qorti hi tal-fehma illi l-attrici ma rnexxiliex tressaq provi sodisfacenti li l-konvenut kien vjolenti maghha qabel ma telqet mid-dar matrimonjali.

**Abbandun u Adulterju.**

Jirrizulta illi l-attrici telqet mid-dar konjugali fl-10 ta' Marzu 1982, tletin sena qabel intavolat il-kawza odjerna. Il-konvenut jikkontendi li tali tluq jammonta ghall-abbandun fit-termini tal-**Artikolu 41 tal-Kap. 16** li jipprovdi illi: Kull waħda mill-partijiet miżżewġa tista' wkoll titlob il-firda jekk, għal sentejn jew iżjed, tkun abbandunata mill-oħra, mingħajr raġuni tajba. L-attrici tikkontendi illi kellha raguni tajba titlaq mid-dar matrimonjali peress li kienet giet kostretta titlaq mid-dar konjugali u thalli it-tlett uliedha minuri warajha minhabba li l-konvenut kien vjolenti maghha. Kif deciz supra, l-attrici ma rnexxiliex tipprova sodisfacentement li l-konvenut kien vjolenti maghha tletin sena qabel fethet il-kawza.

It-trapass ta' zmien ta' 'l fuq minn tletin sena sabiex tiftah kawza ta' separazzjoni jimmilita kontra l-istess attrici. Mill-kumpless tal-provi l-Qorti hi tal-fehma illi meta telqet mid-dar matrimonjali u abbandunat ghal kollox lit-tlett uliehda minuri (l-izghar fosthom kien ghad kellu tlett snin) huwa indikazzjoni qawwija li l-attrici kien aktar mohha fir-relazzjonijiet promiskwi ma' rgiel ohra milli tiehu hsieb tlett itfal zghar. L-istat psikologiku partikolari tal-attrici fiz-zmien rilevanti huwa evidenti mill-fatt illi wara li telqet mid-dar matrimonjali minflok hadet azzjoni sabiex tiehu f'idejha it-tlett ulied minuri, imbarkat fuq sensiela ta' relazzjonijiet promiskwi ma' diversi rgiel tant li kellha ulied minn diversi rgiel li maghhom kellha relazzjonijiet fuq medda ta' snin.

Tenut kont il-provi imressqa miz-zewg partijiet partikolarment it-trobbija difficli hafna li kellha l-attrici li trabbiet minn eta' zghira f'ambjent ta' prostituzzjoni hija l-fehma tal-Qorti li l-agir xejn salutari tal-attrici huwa evidentement ir-rizultat tat-trobbija difficli taghha. Fi kliem iehor, l-attrici hija l-prodott tac-cirkostanzi li minghajr htija sabet ruhha fihom. Irid hawn jinghad ukoll illi l-konvenut kien ben konxju tat-trobbija tal-attrici meta beda johrog maghha fi zmien meta' huwa kellu gia' wiehed u ghoxrien sena u sewwieq ta' taxi u hi kien ghad ghandha sbatax-il sena.

Fi kwalunkwe kaz irrizulta sodisfacentement illi l-attrici hija hatja tat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet minhabba abbandun fit-termini tal-artikolu 41 tal-Kap. 16 kif ukoll minhabba li kkommettiet adulterju fit-termini tal-artikolu 38 tal-Kap. 16.

**Dar Matrimonjali.**

L-konvenut ddikjara li sentejn wara li marru joqghodu f'Zerafa Street, Marsa twieled iz-zghir mit-tlett ulied, F, (Fol. 49 tal-process). L-istess F kkonferma li twieled fis-16 ta' Settembru 1978, id-dar ghalhekk nxtrat fin-1976, bil-prezz ta' £M2,500. . Il-valur presenti tad-dar skont ir-relazzjoni tal-perit Alan Saliba hu ta' Euro75,000.

L-attrici mhiex qed tippretendi manteniment minghand zewgha pero' tippretendi li d-dar tinbiegh u hi tiehu sehemha (ara fol. 28 tal-process).

L-adulterju tal-attrici hu ammess u oggettivament ippruvat. "Kelli erbat itfal minn dawn l-irgiel li jiena hrigt maghhom wara li kont tlaqt lir-ragel" (fol. 28 tal-process). Ic-certifikati tat-twelied taghhom huma annessi man-nota tal-konvenut ipprezentata fit-8 ta' JKr 2014 Fol. 94 et. Seq. tal-process. Fic-certifikati, zewgha, l-konvenut, hu indikat li hu missierhom.

Lanqas mhu kkontestat li l-attrici qatt ma ikkontribwit la materjalment u l-anqas moralment fit-trobbija tat-tfal, li rabbihom wahdu il-konvenut, li kien kostrett jbiegh l-vetturi tieghu biex jlahhaq mal-ispejjes. Id-dok GA7 fol. 101 tal-process jikkonferma li l-konvenut ghamel sa minn 1982 spejjez fid-dar li jammontaw ghal Euro13,313. Ic-certifikat mediku Fol. 55 tal-process jikkonferma li il-konvenut hu kwazi kompletament ghami minnhabba id-Diabete. Bint il-partijiet, G H, li xehdet fis-seduta tat-12 ta' Novembru 2013 iddikjarat li missierha ilu f'din il-kondizzjoni tnax il-sena cioe' mit-2001.

L-attrici tipprettendi nofs il-prezz tad-dar, billi din nxtrat waqt iz-zwieg filwaqt li l-konvenut jippretendi li billi kienet hi li abbandonat lill-familja u kkommettiet adulterju ghandhom jigu kkominati kontriha s-sanzjonijiet tal-ligi skont l-artikolu 48 u 54(8) u alternattivament li jigi applikat l-artikolu 55A.

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet "**A Rosaria Micallef vs Alfred Micallef**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Gunju 2007 fejn il-Qorti ttrattat il-kwistjoni x'kellu jsir mid-dar konjugali fl-ambitu ta' separazzjoni personali. Il-Qorti tal-Prim Istanza kienet iddecidiet li d-dar kellha tinbiegh fi zmien sentejn, u f'dawk is-sentejn id-dar kellha tkun okkupata mill-missier u z-zewg ulied. Wara li gie interpost appell minntali s-sentenza, l-Qorti tal-Appell irrevokat din il-parti tad-decizjoni, billi t-tifel, Clayton, wara incident tat-traffiku, spicca pparallizzat permanentement billi sofra hsara fis-sinsla ta'daru, u billi fid-dar gew installati diversi makkinarji, biex jghinuh, gie ritenut li jekk ma jibqax jirrisjedi hemm, isofri *hardship* enormi. Ghalhekk ghal dawn r-ragunijiet gravi u eccezzjonali, gie deciz li fid-dar konjugali jirrisjedi l-missier maz-zewg uliedu maggiorenni, Clayton u Joshua, bl-esklusjoni tal-mara, sakemm jipperduraw dawn c-cirkostanzi specjali tal-imsemmi Clayton, bl-applikazzjoni tal-artikolu 55A(1), b'riserva li jintalab provvediment jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi, u b'applikazzjoni tal-artikolu 55(2) ordnat li d-dar tibqa propjeta' komuni u ma tinqasamx sakemm jipperduraw ic-cirkostanzi specjali tat-tifel Clayton.

Il-Qorti tal-Appell f'din l-kawza, filwaqt li kkonsidrat li f'cirkostanzi normali, kienet tigi dikjarata xjolta il-komunjoni tal-akkwisti, likwidata u diviza bejn il-partijiet billi jigi ordnat l-biejgh tal-propjeta', u diviz ir-rekavat wara it-tnaqqis tal-krediti individwali jekk ikun il-kas, billi fis-sentenza appena citata rrizultaw

cirkostanzi gravi u eccezzjonali, cioe' id-debilita' gravi u permanenti ta' wiehed minn ulied il-partijiet, il-Qorti tal-Appell ikkonsidrat li tali talba ghad-divizzjoni tal-propjeta' tal-komunjoni kellha tigi posposta ghal-data futura meta jinbidlu ic-cirkostanzi gravi u eccezzjonali msemmija dwar il-kondizzjoni ta' iben il-partijiet.

Ikkunsidrat;

Fil-kaz odjern, il-konvenut, ko-partecipi fil-komunjoni tal-akkwist, u iben il-partijiet bhal fil-kaz appena citat, ukoll ibaghti minn kondizzjoni medika gravi u eccezzjonali, billi ghama b'rizultat tad-diabete. Fid-dar matrimonjali ilu jghix kwazi erbghin sena, u ilu ghal dawn l-ahhar erbatax-il sena jbati minn nuqqas ta' vista tista tghid kwazi kompleta. Mill-provi rrizulta li nonostante dan il-mankament gravi, peress li biz-zmien dehra l-ambjent fejn jghix, ma ghandux bzonn assistenza kontinwa billi wahdu jista' jaqdi l-htiegijiet personali tieghu, u addirittura jista' wahdu johrog mill-ambjent tad-dar u jmur f'hanut fil-vicin fejn jista' jiltaqa' ma xi hbieb. Naturalment jekk il-konvenut ma jibqax jirrisjedi fid-dar, hajtu tinbiddel mil-lejl ghan-nhar billi minn persunaa indipendenti jsir bniedem inkapacitat li jirrikjedi assistenza kontinwa. Il-Qorti hi ghalhekk tal-fehma illi l-kondizzjoni medika gravement delibetanti tal-konvenut tikkwalifika bhala cirkostanza li tinnecessita l-applikazzjoni tal-Artikolu 55A tal-Kap,. 16 sub-inciz (1) (a) li jaghti s-setgha lill-Qorti li mal-pronunzjament ta' sentenza dwar separazzjoni personali tordna li xi wahda mill-partijiet fiz-zwieg "toqghod fid-dar taz-zwieg, ad eskluzjoni tal-parti l-ohra, u ghal dak il-perjodu u taht dawk il-kondizzjonijiet li l-qorti jidhrilha xierqa" Fic-cirkostanzi, il-kondizzjoni partikolari tas-sahha tal-konvenut, tikkwalifika ghal dik il-kondizzjoni, gravi u eccezzjonali, kif definita fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell supra citata. Ghaldaqsant tenut kont il-kondizzjoni medika gravi tal-konvenut il-Qorti hi tal-fehma illi ghandha takkordalu d-dritt li jkompli jirrisjedi fid-dar matrimonjali sakemm jibqa' afflitt mill-kondizzjoni medika delibitanti kif irrizultat f'dawn il-proceduri.

Il-Qorti qed tiehu wkoll in konsiderazzjoni li l-konvenut prattikament rabba wahdu lit-tlett ulied tal-partijiet wara lil-attrici abbandunat id-dar matrimonjali u qatghet kull kuntatt maghhom. L-attrici kellha d-dover li bil-mezzi taghha tikkontribwixxi ghall-manteniment tat-tlett uliehda. Minn dan kollu ma ghamlet xejn filwaqt li wara tletin sena regghat tfaccat fil-hajja tat-tfal u ta' zewgha sabiex titlob semha mid-dar matrimonjali.

Tenut kont ir-rizultanzi f'din il-kawza il-Qorti qeghda b'applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kap 16 tiddeciedi li tikkommina kontra l-attrici d-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 nonostante li l-konvenut ma pprezentax kontro-talba.

Tenut kont li l-Qorti qed issib lill-attrici unikament hatja ghat-tkissir taz-zwieg, b'applikazzjoni tal-artikolu 223 (1) tal-Kap. 12, il-Qorti qed tiddeciedi li l-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopportati mill-attrici.

**Decide**.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi, prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni in parte, it-tieni, t-tielet, ir-raba' u s-sitt eccezzjoni;

1. Tiddikjara li z-zwieg tal-partijiet tkisser tort tal-attrici minhabba li hi kkommettiet adulterju fit-termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 16 kif ukoll minhabba li abbandunat id-dar matrimonjali fit-termini tal-artikolu 41 tal-Kap. 16. Tiddikjara l-jum li ghandu jitqies bhala d-data li fih iz-zwieg tkisser tort tal-attrici bhala l-ghaxra (10) ta' Marzu elf, disa' mija u tnejn u tmenin (1982).

2. Konsegwentement tilqa' parzjalment l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet.

3. Tichad it-tieni talba attrici minhabba li l-attrici ddekadiet mid-dritt taghha li titlob manteniment ghaliha minghand zewgha.

4. Tilqa' t-tielet talba attrici.

5. Tichad parzjalment ir-raba' talba attrici fejn l-attrici talbet l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 48 u/jew 51 sa 55 tal-Kap 16 kontra l-konvenut filwaqt li b'applikazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kap 16 tikkommina kontra l-attrici id-disposizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16

6. Tilqa' parzjalment ir-raba' talba attrici, tittermina ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u tiddikjara illi l-unika assi appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti hija d-dar matrimonjali u cioe' 204, Zerafa Street, Marsa.

7. B'applikazzjoni tal-Artikolu 55A (1) tal-Kap. 16 tordna li l-konvenut D C jibqa' jirrisjedi fid-dar matrimonjali 204, Triq Stiefnu Zerafa Marsa, ad eskluzzjoni tal-attrici, ghaz-zmien li matulu l-konvenut ser jibqa' afflitt mill-kondizzjoni medika kif certifikata minn Dr Denis Vella Baldacchino u tordna li matul dan iz-zmien id-dar matrimonjali tibqa' proprjeta' komuni tal-partijiet. Jibqa' rizervat favur l-attrici id-dritt li f'kull zmien, f'kaz ta' bdil sostanzjali fic-cirkostanzi, titlob it-thassir tad-dritt ta' abitazzjoni li qed jinghata lill-konvenut bil-prezenti sentenza.

8. L-attrici qed tinghata d-dritt li filwaqt li jibqghu jipperduraw ic-cirkostanzi medici tal-konvenut kif hawn stabbiliti, titlob il-bejgh bis-subbasta tal-fond 204, Triq Stiefnu Zerafa, Marsa soggett ghad-dritt ta' abitazzjoni mill-konvenut kif hawn deciz, u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn iz-zewg partijiet, b'dan illi f'tali eventwalita' jkun mehtieg li a spejjez tal-attrici ssir valutazzjoni mill-gdid tal-fond matrimonjali kif issa soggett ghad-dritt ta' abitazzjoni mill-konvenut.

9. Tilqa' l-hames talba u tordna li s-sentenza odjerna tigi registrata fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-attrici.

**Imhallef** **Deputat Registratur**